SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

28 ta' Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/126/KE – Artikolu 2(1) u Artikolu 11(4) – Liċenzja tas-sewqan – Rikonoxximent reċiproku – Portata tal-obbligu ta' rikonoxximent – Liċenzja tas-sewqan li kienet is-suġġett ta' tibdil – Skambju mwettaq f'mument meta d-dritt tas-sewqan kien ġie rtirat mill-Istat Membru tal-ħruġ – Frodi – Rifjut ta' rikonoxximent tal-liċenzja maħruġa fil-kuntest tal-iskambju"

Fil-Kawża C-112/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgericht Aachen (il-Qorti Amministrattiva ta' Aachen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Frar 2019, fil-proċedura

Marvin M.

vs

Kreis Heinsberg,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, E. Juhász (Relatur) u I. Jarukaitis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal M. M., minn H. D. Gebauer, Rechtsanwalt,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Mölls u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 11(1) u (4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU 2006, L 403, p. 18).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Marvin M. u Kreis Heinsberg (id-Distrett ta' Heinsberg, il-Ġermanja), dwar id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil M. M. mill-awtoritajiet Olandiżi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2 u 8 tad-Direttiva 2006/126 jgħidu li:

"(2) Ir-regoli dwar il-liċenzji tas-sewqan huma essenzjali fl-implementazzjoni tal-politika tat-trasport komuni, jikkontribwixxu għat-titjib tas-sigurtà fit-toroq, u jiffaċilitaw il-moviment liberu ta' persuni li jkunu sejrin jagħmlu r-residenza tagħhom fi Stat Membru differenti minn dak fejn tkun inħarġet il-liċenzja. Fid-dawl ta' l-importanza tat-trasport fuq il-bażi ta' mezzi individwali, il-pussess ta' liċenzja tas-sewqan debitament rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti tippromovi l-moviment liberu u l-libertà ta' l-istabbiliment ta' persuni.

[…]

(8) Għall-finijiet tas-sigurtà fit-toroq, għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan. Hemm il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-istandards għat-testijiet tas-sewqan u għall-ħruġ tal-liċenzji. Għal dan il-għan, għandhom jiġu definiti l-kompetenza, il-ħiliet u l-komportament konnessi mas-sewqan tal-vetturi, it-test tas-sewqan għandu jkun ibbażat fuq dawn il-kunċetti u għandhom jiġu definiti mill-ġdid l-istandards minimi tal-kapaċità fiżika u mentali sabiex jinsaqu tali vetturi."

4 L-Artikolu 1(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi li:

"L-Istati Membri għandhom jintroduċu liċenzja tas-sewqan nazzjonali bbażata fuq il-mudell Komunitarju stabbilit fl-Anness I, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-emblema fil-paġna 1 tal-mudell Komunitarju tal-liċenzji tas-sewqan għandu jinkludi l-marka distintiva ta' l-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja."

5 L-Artikolu 2 tal-istess direttiva, intitolat "Rikonoxximent reċiproku", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Il-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom jingħataw rikonoxximent reċiproku."

6 L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2006/126 jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan marbuta mal-kompetenza għas-sewqan u mar-residenza tal-applikant fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja tas-sewqan.

7 Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/126:

"1. Fejn id-detentur ta' liċenzja nazzjonali valida tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru jkun għamel ir-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor, huwa jista' jitlob li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tiġi sostitwita minn liċenzja ekwivalenti. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru li jwettaq is-sostituzzjoni sabiex jikkontrolla għal liema kategorija il-liċenzja preżentata tkun fil-fatt għadha valida.

2. Suġġett għall-osservanza tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istat Membru tar-residenza normali jista' japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew il-kanċellament tad-dritt tas-sewqan lid-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, jekk meħtieġ, jissostitwixxi l-liċenzja għal dak il-għan.

3. L-Istat Membru li jwettaq is-sostituzzjoni għandu jagħti lura l-liċenzja l-qadima lill-awtoritàjiet ta' l-Istat Membru li jkun ħariġha u jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex għamel dan.

4. Stat Membru għandu jirrifjuta li joħroġ liċenzja tas-sewqan lil applikant li jkollu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ristretta, sospiża jew irtirata fi Stat Membru ieħor.

Stat Membru għandu jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet ristretta, sospiża jew irtirata fit-territorju ta' l-Istat preċedenti.

[…]"

8 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/126, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, kien jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom jiskambjaw tagħrif dwar il-liċenzji li jkunu ħarġu, skambjaw, issostitwixxu, ġeddu jew ikkanċellaw. Huma għandhom jużaw in-network ta' liċenzji tas-sewqan ta' l-UE stabbilit għal dawn il-finijiet […]"

Id-dritt Ġermaniż

9 Skont l-Artikolu 29(1) tal-Verordnung über die Zulassung von Personen zum Straßenverkehr (ir-Regolament dwar l-Ammissjoni tal-Persuni għas-Sewqan fit-Toroq), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali:

"1. Id-detentur ta' dritt tas-sewqan barrani jista' jsuq vetturi bil-mutur fil-Ġermanja fil-limiti tal-awtorizzazzjoni tiegħu meta ma jkollux residenza normali f'dan il-pajjiż skont l-Artikolu 7."

10 L-Artikolu 29(3) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi li:

"L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tapplikax għad-detenturi ta' drittijiet tas-sewqan barranin,

[…]

3. li l-liċenzja tas-sewqan tagħhom tkun ġiet irtirata fil-Ġermanja, permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja jew definittiva, jew permezz ta' deċiżjoni amministrattiva direttament eżekuttiva jew definittiva,

[…]

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel sentenza, l-awtorità kompetenti tista' tadotta att li jikkonstata l-assenza ta' awtorizzazzjoni."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 M. M. ingħata mill-awtoritajiet Ġermaniżi liċenzja tas-sewqan għall-vetturi tal-kategoriji AM u B, fit-3 ta' Lulju 2008, kif ukoll għall-kategorija T, fl-1 ta' Lulju 2015.

12 Waqt kontroll tat-traffiku mwettaq fid-9 ta' Ġunju 2016, ġie kkonstatat li M. M. kien qiegħed isuq taħt l-effett tad-droga. Fl-20 ta' Settembru 2016, dan tal-aħħar ġie informat bl-intenzjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti li jirtirawlu d-dritt tas-sewqan.

13 Wara li indika lill-imsemmija awtoritajiet, fid-29 ta' Settembru 2016, li huwa ma kienx għadu ddomiċiljat fil-Ġermanja, fit-13 ta' Ottubru 2016, M. M. għamel dikjarazzjoni ta' domiċilju fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn talab, fl-1 ta' Novembru 2016, l-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu b'liċenzja tas-sewqan Olandiża.

14 Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2016, immedjatament eżekuttiva u nnotifikata lil M. M. fit-12 ta' Novembru 2016, il-Kreis Heinsberg (id-Distrett ta' Heinsberg) ipproċeda għall-irtirar tad-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata u ordnalha tagħti lura mingħajr dewmien il-liċenzja tas-sewqan tagħha.

15 Wara li kkonstataw, fl-14 ta' Novembru 2016, il-validità tad-dritt tas-sewqan ta' M. M. fir-rigward tal-informazzjoni li tinsab fid-database tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea (RESPER), l-awtoritajiet Olandiżi kompetenti għall-iskambju tal-liċenzji tas-sewqan ħarġu liċenzja tas-sewqan Olandiża lil M. M., fis-17 ta' Novembru 2016, bi skambju tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu. Dan l-iskambju ġie nnotifikat lill-Kreis Heinsberg (id-Distrett ta' Heinsberg) permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2016, li magħha kien hemm annessa l-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża ta' M. M.

16 L-awtoritajiet Olandiżi, li ġew informati mill-Kreis Heinsberg (id-Distrett ta' Heinsberg) dwar l-irtirar tad-dritt tas-sewqan Ġermaniż ta' M. M., ikkomunikaw, fl-4 ta' Jannar 2017, wara talba f'dan ir-rigward, li huma komplew bl-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan ta' M. M., għar-raġuni li, fid-data tat-talba għall-iskambju, l-imsemmija database ma kienet tinkludi ebda riferiment għal restrizzjoni tad-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata.

17 Fis-17 ta' Jannar 2017, waqt kontroll tat-traffiku mwettaq fil-Ġermanja, l-awtoritajiet tal-pulizija rrilevaw li M. M. ma kellux dritt tas-sewqan validu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

18 Permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2017, il-Kreis Heinsberg (id-Distrett ta' Heinsberg) ikkonstata li l-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil M. M. fil-Pajjiżi l-Baxxi ma kinitx tawtorizzah isuq vetturi fil-Ġermanja.

19 M. M. ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Verwaltungsgericht Aachen (il-Qorti Amministrattiva ta' Aachen, il-Ġermanja).

20 Din il-qorti tqis li r-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan li tirriżulta mill-iskambju tal-ewwel liċenzja tas-sewqan huwa impost fuq l-awtoritajiet Ġermaniżi bl-istess mod bħar-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa wara li persuna tgħaddi minn eżami ta' kontroll tal-kompetenzi għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur. Madankollu, hija inklinata li tqis li, fid-dawl tal-għanijiet tas-sigurtà fil-qasam tat-traffiku fit-toroq u tal-protezzjoni tal-ħajja tal-utenti tat-triq, Stat Membru jista', skont

l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126, jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan skambjata meta l-iskambju jkun seħħ wara l-irtirar tad-dritt tas-sewqan mill-Istat Membru tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan.

21 Fil-każ li jitqies li l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 ma huwiex applikabbli, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk deroga mill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku hijiex permessa meta l-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu tqum il-kwistjoni tar-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan, ikun jista' jistabbilixxi, abbażi ta' informazzjoni inkontestabbli, li l-awtorizzazzjoni materjali tas-sewqan ma kinitx teżisti iktar fil-mument tal-iskambju ta' din il-liċenzja tas-sewqan.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht Aachen (il-Qorti Amministrattiva ta' Aachen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [2006/126] għandu jiġi interpretat fis-sens li dokument tal-liċenzja tas-sewqan, inklużi l-awtorizzazzjonijiet ta' sewqan stabbiliti fih, għandu jiġi strettament irrikonoxxut mill-Istati Membri anki meta l-ħruġ ta' dan id-dokument ikun jirriżulta mill-iskambju ta' dokument tal-liċenzja tas-sewqan skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva [2006/126]?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv: Stat Membru jista' jirrifjuta milli jirrikonoxxi d-dokument tal-liċenzja tas-sewqan skambjat bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva [2006/126] meta l-iskambju mill-Istat ta' ħruġ ikun sar f'mument fejn l-Istat Membru li minnu toriġina l-awtorizzazzjoni materjali ta' sewqan kien diġà rtira l-imsemmija awtorizzazzjoni?

3) Jekk it-tieni domanda tingħata risposta fin-negattiv u jekk jeżisti obbligu ta' rikonoxximent: Stat Membru jista' jirrifjuta fi kwalunkwe każ ir-rikonoxximent tad-dokument tal-liċenzja tas-sewqan skambjat meta l-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu tqum il-kwistjoni tar-rikonoxximent tal-imsemmi dokument, ikun jista' jikkonstata, abbażi ta' 'informazzjoni inkontestabbli', li l-awtorizzazzjoni materjali ta' sewqan ma kinitx teżisti iktar fil-mument tal-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126 għandux jiġi interpretat fis-sens li r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, previst minnu huwa applikabbli għal-liċenzja tas-sewqan maħruġa wara skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva.

24 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126, "[i]l-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri għandhom jingħataw rikonoxximent reċiproku".

25 Skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, I, C-195/16, EU:C:2017:815, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Peress li l-imsemmija dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni skont il-mod ta' ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan, jiġifieri l-ħruġ wara li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/126 jew wara skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku huwa impost ukoll fir-rigward tal-liċenzja tas-sewqan li tirriżulta minn tali skambju, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti mill-imsemmija direttiva.

27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, previst minnu huwa applikabbli għal-liċenzja tas-sewqan maħruġa wara skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti mill-imsemmija direttiva.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

28 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil Stat Membru jirrifjuta r-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan li tirriżulta minn skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva għar-raġuni li dan l-Istat Membru, qabel dan l-iskambju, kien irtira l-awtorizzazzjoni tas-sewqan mingħand id-detentur tal-liċenzja li kienet is-suġġett tal-imsemmi skambju.

29 Dawn id-domandi saru mill-qorti tar-rinviju fid-dawl ta' sitwazzjoni li fiha, minn naħa, M. M., qabel il-ħruġ, mill-awtoritajiet Olandiżi, ta' liċenzja tas-sewqan skont il-proċedura ta' skambju prevista fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126, wettaq reat fil-Ġermanja, li ta lok għal miżura ta' rtirar tad-dritt tas-sewqan tiegħu, iżda l-liċenzja tas-sewqan ma ngħatatx lura lill-awtoritajiet Ġermaniżi u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Olandiżi, li ġew informati dwar din il-miżura ta' rtirar wara l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan il-ġdida, ma rtirawx il-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil M. M.

30 Skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126, fil-każ fejn id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan nazzjonali valida maħruġa minn Stat Membru jkun stabbilixxa r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor, huwa jista' jitlob li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tiġi skambjata b'liċenzja ekwivalenti.

31 Skont din id-dispożizzjoni, f'dan ir-rigward huwa l-Istat Membru li jwettaq l-iskambju li għandu jivverifika għal liema kategorija l-liċenzja ppreżentata tkun effettivament għadha valida. Għal dan il-għan, l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin u jiskambjaw informazzjoni dwar il-liċenzji li jkunu ħarġu, skambjaw, issostitwixxew, ġeddew jew irtiraw, u għandhom jużaw għal dan il-għan in-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea.

32 F'dan il-każ, kif tfakkar fil-punt 15 ta' din is-sentenza, l-awtoritajiet Olandiżi vverifikaw, fl-14 ta' Novembru 2016, il-validità tal-liċenzja tas-sewqan ta' M. M. fid-database tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea u, fis-17 ta' Novembru 2016, ħarġu liċenzja tas-sewqan ġdida lil M. M.

33 Peress li, kif jirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda, ir-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, previst fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126, huwa applikabbli għal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru wara skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri l-oħra ma jistgħux bħala prinċipju jivverifikaw l-osservanza tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ previsti mill-imsemmija direttiva. Fil-fatt, il-pussess ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi l-prova li d-detentur ta' din il-liċenzja kien jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-każ fejn huwa possibbli li jiġi stabbilit, mhux abbażi ta' informazzjoni li toriġina mill-Istat Membru ospitanti, iżda abbażi tal-informazzjoni li tidher fuq il-liċenzja tas-sewqan innifisha jew ta' informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina mill-Istat Membru tal-ħruġ li waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħruġ previsti mid-Direttiva 2006/126 ma kinitx issodisfatta, l-Istat Membru ospitanti, li fit-territorju tiegħu d-detentur tal-imsemmija liċenzja kien is-suġġett ta' miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan preċedenti, jista' jirrifjuta r-rikonoxximent tal-liċenzja

tas-sewqan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2008, Zerche *et*, C-334/06 sa C-336/06, EU:C:2008:367, punti 69 u 70, kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2008, Wiedemann u Funk, C-329/06 u C-343/06, EU:C:2008:366, punt 72).

35 Madankollu, f'dan il-każ, kif osservat il-Kummissjoni Ewropea, il-fatt li l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu diġà rtiraw mingħand M. M. l-awtorizzazzjoni tas-sewqan fil-mument meta l-liċenzja tas-sewqan ġiet skambjata mill-awtoritajiet Olandiżi la jirriżulta mil-liċenzja tas-sewqan innifisha u lanqas minn informazzjoni oħra li toriġina mill-Istat Membru tal-ħruġ.

36 Skont il-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126, "Stat Membru għandu jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' kull liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu ġiet ristretta, sospiża jew irtirata fit-territorju ta' l-Istat preċedenti".

37 Mill-kliem "għandu jirrifjuta li jirrikonoxxi" jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tipprevedix fakultà, iżda obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2012, Hofmann, C-419/10, EU:C:2012:240, punt 53, u tal-21 ta' Mejju 2015, Wittmann, C-339/14, EU:C:2015:333, punt 24).

38 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tawtorizza lil kull Stat Membru, u mhux biss lill-Istat Membru ta' residenza normali, jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor (sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 55).

39 B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 jippermetti lil Stat Membru, li ma huwiex l-Istat Membru ta' residenza, jadotta, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u minħabba l-aġir, li jikkostitwixxi reat fit-territorju tiegħu, tad-detentur ta' liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor, miżuri li l-portata tagħhom tkun limitata għal dan it-territorju u li l-effett tagħhom ikun limitat għar-rifjut li tiġi rrikonoxxuta, f'dan it-territorju, il-validità ta' din il-liċenzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 60).

40 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 jikkonċerna miżuri li jittieħdu skont il-liġijiet kriminali u tal-pulizija ta' Stat Membru u li jaffettwaw il-validità, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor (sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 61).

41 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li Stat Membru jiġi obbligat jirrikonoxxi l-validità tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa lil persuna minn Stat Membru ieħor, minkejja li miżura ta' projbizzjoni li tinkiseb liċenzja tas-sewqan fl-ewwel wieħed minn dawn l-Istat Membri tkun ġiet imposta kontra din il-persuna minn dan l-Istat, għal fatti li jkunu seħħew qabel il-ħruġ tal-imsemmija liċenzja mit-tieni wieħed minn dawn l-Istat Membri, iwassal sabiex jinkoraġġixxi lill-awturi ta' reati fit-territorju ta' Stat Membru, suġġetti għal tali miżura, sabiex imorru fi Stat Membru ieħor sabiex jiksbu liċenzja ġdida u, b'hekk, jevitaw il-konsegwenzi amministrattivi jew kriminali tal-imsemmija reati, u finalment ixejjen il-fiduċja li fuqha hija bbażata s-sistema ta' rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan (ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Wittmann, C-339/14, EU:C:2015:333, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll meta l-liċenzja tas-sewqan tkun inħarġet fil-kuntest ta' skambju skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126. Ir-rifjut ta' rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan li tirriżulta minn tali skambju jissodisfa wkoll, f'dan il-każ, l-għan ta' interess ġenerali tal-Unjoni li jikkonsisti fit-titjib tas-sigurtà fit-toroq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-

22 ta' Mejju 2014, Glatzel, C-356/12, EU:C:2014:350, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), u li għalih id-Direttiva 2006/126, skont il-premessa 2 tagħha, tikkontribwixxi (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, I, C-195/16, EU:C:2017:815, punt 51).

43 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 ma jistax jiġi invokat minn Stat Membru sabiex jirrifjuta li jirrikonoxxi indefinittivament il-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor meta d-detentur ta' din il-liċenzja jkun ġie suġġett, fit-territorju tiegħu, għal miżura restrittiva (sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għal dak li jirrigwarda s-segwitu ta' tali miżura, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istat Membru li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan f'tali ċirkustanzi huwa kompetenti sabiex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li d-detentur ta' liċenzja tas-sewqan għandu jissuġġetta ruħu għalihom sabiex jirkupra d-dritt tas-sewqan fit-territorju tiegħu. Hija indikat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk, b'applikazzjoni tar-regoli tiegħu stess, l-Istat Membru inkwistjoni kienx, fir-realtà, oppona indefinittivament għar-rikonoxximent tal-liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u li, f'din il-perspettiva, hija kellha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-ewwel wieħed minn dawn l-Istat Membri, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kinux imorru lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mid-Direttiva 2006/126, li jikkonsisti fit-titjib tas-sigurtà fit-toroq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 84).

45 Madankollu, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, individwu ma jistax jinvoka regola tad-dritt tal-Unjoni b'mod frawdolenti jew abbużiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 68, kif ukoll tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary, C-189/18, EU:C:2019:861, punt 34).

46 Il-prinċipju tal-projbizzjoni tal-frodi u tal-abbuż tad-dritt, espress minn din il-ġurisprudenza, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-osservanza tiegħu hija meħtieġa mill-individwi. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri l-operazzjonijiet li jitwettqu bil-għan li jibbenefikaw b'mod frawdolenti jew abbużiv mill-vantaġġi previsti mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-6 ta' Frar 2018, Altun *et*, C-359/16, EU:C:2018:63, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 B'mod partikolari, il-konstatazzjoni ta' frodi hija bbażata fuq ġabra konkordanti ta' evidenza li tistabbilixxi l-unjoni ta' element oġġettiv u element suġġettiv. Għalhekk, fir-rigward taċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minn naħa, l-element oġġettiv huwa kkostitwit mill-fatt li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet tal-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126 ma humiex issodisfatti. Min-naħa l-oħra, l-element suġġettiv huwa kkostitwit mill-intenzjoni tal-persuna kkonċernata li tevita jew tevadi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' tali skambju, sabiex tikseb il-vantaġġ marbut miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Frar 2018, Altun *et*, C-359/16, EU:C:2018:63, punti 50 sa 52).

48 Minn dan jirriżulta li, meta persuna tkun kisbet b'mod frawdolenti l-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan, fil-kuntest ta' skambju skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126, din fl-ebda mument ma tista' titlob ir-rikonoxximent, fi Stat Membru, tal-liċenzja tas-sewqan hekk miksuba.

49 F'dan il-każ, skont il-fatti deskritti mill-qorti tar-rinviju u mfakkra fil-punti 12 sa 15 ta' din is-sentenza, M. M. ġie informat, fl-20 ta' Settembru 2016, bl-intenzjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi li jirtirawlu d-dritt tas-sewqan. Wara din in-notifika, M. M. iddikjara li telaq mit-territorju Ġermaniż u, fit-13 ta' Ottubru 2016, għamel dikjarazzjoni ta' domiċilju fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn huwa talab, fl-1 ta' Novembru 2016, l-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tiegħu b'liċenzja tas-sewqan Olandiża, li nħarġitlu fis-17 ta' Novembru 2016.

50 Minn dawn l-elementi kif ukoll mir-risposti bil-miktub mogħtija mill-Gvern tal-Ġermanja u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li M. M. ma indikax, matul il-proċedura segwita quddiem l-awtoritajiet Olandiżi, l-intenzjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi li jirtiraw il-liċenzja tas-sewqan tiegħu, li madankollu kienet ġiet ikkomunikata lilu, u li l-persuna kkonċernata lanqas ma informat sussegwentement lill-awtoritajiet Olandiżi li deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tas-sewqan kienet ġiet innotifikata lilu fit-12 ta' Novembru 2016, minkejja li dawn l-awtoritajiet tal-aħħar kienu għadhom ma ħadux pożizzjoni fuq it-talba tal-persuna kkonċernata għal skambju ta' liċenzja.

51 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, wara verifika tal-informazzjoni li tinsab fil-punt preċedenti, jekk l-aġir ta' M. M. intiż sabiex jikseb liċenzja tas-sewqan ġdida permezz tal-iskambju tal-liċenzja tiegħu skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2006/126, matul il-perijodu bejn il-kontroll tat-traffiku li kien suġġett għalih fid-9 ta' Ġunju 2016 u l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan il-ġdida li seħħ fis-17 ta' Novembru 2016, jikkostitwixxix aġir abbużiv jew frawdolenti. Jekk dan huwa l-każ, għandu jitqies li d-deċiżjoni ta' rifjut li tiġi rrikonoxxuta l-liċenzja tas-sewqan tiegħu hija definittiva.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni u għat-tielet domanda hija li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil Stat Membru jirrifjuta r-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan li kienet is-suġġett ta' skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, għar-raġuni li dan l-Istat Membru, qabel dan l-iskambju, kien irtira l-awtorizzazzjoni tas-sewqan mingħand id-detentur ta' din il-liċenzja.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr ebda formalità, previst minnu huwa applikabbli għal-liċenzja tas-sewqan maħruġa wara skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti mill-imsemmija direttiva.**

2) **It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil Stat Membru jirrifjuta r-rikonoxximent ta' liċenzja tas-sewqan li kienet is-suġġett ta' skambju skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, għar-raġuni li dan l-Istat Membru, qabel dan l-iskambju, kien irtira l-awtorizzazzjoni tas-sewqan mingħand id-detentur ta' din il-liċenzja.**

Firem